UFFIĊĊJU PARROKKJALI
4, TRIQ SAN ĠORĠ
WIED IL-GĦAJN, MSK 1030.
TEL: 21633703

PARROĊĊA SANT'ANNA, MARSASKALA

27 ta' Ottubru 2018

Għeżież,

L-Assemblea Parrokkjali hija avveniment annwali importanti ħafna fil-ħajja tal-Parroċċa tagħna. Permezz ta' din l-istedina nixtiequ li tingħaqdu magħna ħalli bħala familja waħda miġbura f'isem Ġesù inkomplu naraw dak li nixtiequ fil-Parroċċa tagħna. It-Tema hi: "**Il-Parroċċa: Familja li tisma' u li timxi.**" Papa Franġisku.

Nistednuk tingħaqad magħna nhar **it-Tlieta 6 ta' Novembru 2018 għall-quddiesa tas-6:00pm fil-Knisja Parrokkjali u wara nkomplu bil-laqgħa fis-Sala Sant'Anna. Imbagħad il-Ġimgħa 9 ta' Novembru 2018 niltaqgħu għall-quddiesa tas-6:00pm fil-Knisja Parrokkjali u wara nkomplu bil-laqgħa tagħna fis-Sala Sant'Anna. Fostna se jkollna lill-Vigarju Episkopali għall-Kleru u l-Parroċċi tal-Knisja f'Malta Mons. Frans Abdilla.**

Nixtiequ li nkunu flimkien fl-Assemblea bħala familja parrokkjali li llum qed tkompli l-mixja tagħha wara r-Ragħaj it-Tajjeb. Ġesu' jrid imexxina b'qalb miftuħa għal dak li Hu stess qed jitlob minna quddiem ir-realtà tas-soċjetà tagħna.

Minħabba l-importanza ta' dan l-avveniment, nixtiequ li narawkom matul il-jumejn tal-Assemblea Parrokkjali fejn dak li ser niddiskutu jkun bil-għan li jiġu stabbiliti inizjattivi konkreti li se jittieħdu fil-Parroċċa ta' Wied il-Għajn.

Ejjew inkunu parroċċa fejn il-vuċi t'Alla tinstema' mad-dawra kollha ta' Wied il-Għajn.

Nirringrazzjak tal-koperazzjoni u nselli għalik.

**Dun Roderick Camilleri**
Kappillan
M: 99488566